Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,551, 16 ta' Diċembru, 1997
Taqsima B

A.L. 212 ta' l-1997

KODIĊI ĊIVILI
(KAP. 16)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw it-Taqsima I ta' l-Iskeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 268 tal-Kodiċi Ċivili, il-Ministru tal-Ġustizzja u Kunsilli Lokali, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, għamel ir-regolamenti li ġejin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw it-Taqsima I ta' l-Iskeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal-Kodiċi Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1998.

Emenda tal-Kodiċi.

2. Minflok it-Taqsima I ta' l-Iskeda li tinsab mal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:–

"Taqsima I

DRITTIJIET

Drittijiet li għandhom jinġabru taħt l-artikolu 268.	Lm	c
1. Għar-reġistrazzjoni ta' att tat-twelid	1.00	
2. Għar-reġistrazzjoni ta' att taż-żwieġ	1.00	

Nota: Għall-ħlas tad-drittijiet imsemmijin taħt il-paragrafi 1 u 2 il-ġenituri tat-tarbija, fil-każ ta' twelid, u l-għarajjes, fil-każ ta' żwieġ, huma marbutin *in solidum*.

3. Għar-reġistrazzjoni kif maħsub fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 290, tal-leġittimazzjoni ta' bniedem li l-att tat-twelid tiegħu mhux reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.....	0.50	
4. Għal kull nota	0.50	

	Lm c
5. Għal viżjoni ta' kull reġistrazzjoni jew ta' annotazzjoni li tagħha tingħata d-data	0.50
6. (a) Għal kull tfittxija għal kitba mniżżla dwar xi bniedem għalih, b'viżjoni jew minghajrha	0.05
(b) Għal kull ċertifikat li juri li ma tkun saret ebda kitba f'Reġistrazzjonijiet ta' Stat Ċivili dwar xi bniedem għalih, magħdud id-dritt għat-tfittxija.....	2.00
7. (a) Għal kull estratt minn att tat-twelid, taż-żwieġ, tal-mewt jew ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati skond il-Formuli I, K, M, O fit-Taqsima I ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi	0.50
(b) Għal kull estratt minn att tat-twelid, taż-żwieġ, tal-mewt jew ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati skond il-Formuli J, L, N, P fit-Taqsima II ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi	0.50
(c) Għal kull ċertifikat li jkollu kopja sħiħa ta' reġistrazzjoni tat-twelid, żwieġ jew mewt b'dawk in-noti li jista' jkun hemm magħha...	2.00
8. Għal reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati.....	1.00